MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 591/2003

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 11 ta' Gunju 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-12 ta' Frar 1989, minn liema zwieg twieldu tlett itfal u cjoe` Carina, ta' tlettax-il (13) sena, Sabrina ta' ghaxar (10) snin u Jean Luca ta' seba` (7) snin, ilkoll ahwa Carabott;

Illi l-konvenut irrenda ruhu hati fil-konfront ta' l-attrici ta' adulterju, vjolenza fizika u psikologika, minacci, sevizzi u

ngurji gravi, b'mod li llum bejn il-konjugi Carabott, tirrizulta inkompatibbilta` ta' karattru tant li z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment;

Illi b'digriet moghti fil-5 ta' Gunju 2003, is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili awtorizzat lill-attrici sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali kontra l-konvenut;

Illi ghalhekk l-attrici talbet lill-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba adulterju, vjolenza fizika u psikologika, minacci, sevizzi u ngurji gravi mputabbli lill-konvenut u kif ukoll talli z-zwieg ikkuntrattat bejn il-konjugi Carabott, tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tlett itfal minuri tal-kontendenti f'idejn ommhom l-attrici;

3. Tordna lill-konvenut jissomministra ghall-attrici u t-tlett uliedha minorenni, dik ir-retta alimentari li tkun stabbilita mill-Qorti u tordna li l-istess manteniment ikun versat taht dawk il-modalitajiet specifikati mill-istess Qorti;

4. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess u tiddikjara li l-konvenut m'ghandu ebda dritt fuq l-istess akkwisti;

5. Tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha ta' l-**artikoli 48 u 50 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** u dan fejn applikabbli;

6. Tordna li l-attrici tinghata lura l-beni parafernali taghha;

7. Tassenja d-dar matrimonjali definittivament lill-attrici ad eskluzjoni tal-konvenut;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 4 tal-process;

Rat ir-rikors ta' l-attrici tas-26 ta' Settembru 2003 fejn talbet lill-Qorti li tigi awtorizzata li tinnotifika lill-konvenut wara l-hinijiet legali u *occorrendo* bil-procedura ta' l-affissjoni u tal-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali wahda;
Rat id-digriet sussegwenti tad-29 ta' Settembru 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba u ordnat lill-attrici sabiex taderixxi ruhha mad-digriet ta' nota guramentata u ta' l-affidavits;

Rat in-nota guramentata ta' l-attrici tad-9 ta' Ottubru 2003 a fol. 17u 18 tal-process;

Rat in-nota ta' Dr. Shaheryar Ghaznavi a fol. 21 tal-process;

Rat ir-rikors ta' l-attrici tat-30 ta' Ottubru 2003 fejn talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jinstemghu xi xhieda;

Rat id-digriet tal-31 ta' Ottubru 2003 fejn l-attrici giet ordnata li tipprezenta x-xhieda bl-affidavits tax-xhieda kollha minnha ndikati fi zmien ghoxrin (20) gurnata;

Rat id-digriet sussegwenti tat-13 ta' Jannar 2004 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat in-nota ta' l-attrici ta' l-20 ta' Novembru 2003 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavits ta' Guza Pace (a fol. 28) u Johann Micallef (a fol. 31);

Rat in-nota ta' l-attrici tal-21 ta' Novembru 2003 fejn talbet lill-Qorti sabiex terga` tiehu konjizzjoni tar-rikors tat-30 ta' Ottubru 2003 *stante* li hija pprezentat l-affidavits kollha taghha;

Rat in-nota ta' l-attrici tal-21 ta' Novembru 2003 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess (a fol. 36) u xi dokumenti;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Dicembru 2003 fejn Dr. Rachel Loporto Montebello pprezentat estratt mill-gazzetta lokali u l-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju, Dr. Josette Demicoli sabiex tiffissa zewg seduti ghall-provi attrici;

Rat ir-rikors ta' l-attrici tas-16 ta' Jannar 2004 fejn talbet lill-Qorti sabiex tawtorizza l-affissjoni tac-citazzjoni attrici u l-atti relattivi, jitwahhlu mal-bieb ta' barra tar-residenza tal-konvenut;

Rat id-digriet sussegwenti fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat li l-konvenut baqa` ma pprezenta l-ebda nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumaci;

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 19 ta' Frar 2004 fejn talbet lill-Qorti sabiex tezenta lir-rapprezentanti ta' l-HSBC Bank (Malta) p.l.c. u tal-Bank of Valletta p.l.c. mis-sigriet professjonali taghhom;

Rat id-digriet ta' l-20 ta' Frar 2004 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat ix-xhieda migbura quddiem l-Assistent Gudizzjarju, tas-**Surgent John Mary Camilleri** (a fol. 96); ta' **Paul Gambina** (a fol. 98); ta' **Carmel Attard** (a fol. 101); ta' **Brian Farrugia** (a fol. 104); u ta' **Daniela Zerafa** (a fol. 91b);

Rat il-verbal tat-18 ta' Marzu 2004;

Rat in-nota ta' l-attrici tat-23 ta' April 2004 fejn permezz taghha pprezentat xi dokumenti;

Rat il-verbal tal-11 ta' Mejju 2004 fejn Dr. Ramona Frendo inghatat il-fakolta` li tipprezenta n-nota ta' l-osservazzjonijiet fi zmien ghoxrin (20) gurnata u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta' Frar 2005;

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju u x-xhieda minnha migbura;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-12 ta' Frar 1989 u kellhom tlett itfal li issa ilhom is-snin rekoverati fl-Istitut ta' Fra Diegu anke peress li jinsabu taht *care order* u fil-fatt skond dak li rrizulta fis-seduta tad-19 ta' April 2004, meta xehdet is-*social worker* Daniela Zerafa mill-Agenzija Appogg, l-istess ulied jmorru ghand l-attrici fi tmiem il-gimgha, filwaqt li mal-missier ghandhom access b'supervizjoni ta' erba' sieghat nhar ta' Hadd mill-10.00.a.m. sas-2.00.p.m.

Illi dwar l-ewwel talba attrici jidher li din ghandha tigi milqugha u dan peress li jirrizulta li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' eccessi, mohqrija, eccessi u ngurji gravi tant li jirrizulta li waqt iz-zmien li l-istess kontendenti kienu jghixu flimkien l-istess konvenut kien jiddisprezza kontinwament lill-attrici anke dwar persunitha, kien seraq il-flus personali ta' l-attrici, kien ihalli lill-attrici nieqsa mill-flus u minn manteniment taghha u ta' uliedha, u kif kien jinfexx jghajjar u joffendi lill-attrici u jinkiha li kien imur ma' nisa ohra – minhabba dan kollu l-attrici waqghet f'dipressjoni qawwija anke wara li skopriet li l-istess konvenut kien marid mentalment – u minkejja li beda jiehu terapija u kura dan ma waqfx lill-konvenut milli juza vjolenza fuq l-attrici. Illi apparti dan kollu jirrizulta wkoll li l-konvenut kellu relazzjoniijiet ma' diversi nisa u dwar dan wiehed jirreferi ghax-xhieda ta' l-attrici a fol. 41 tal-process.

Illi dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti jidher li din tikkomprendi il-flat Numru 4, Robyan Flats, Triq il-Mimosa, Gwardamangia, li kien inxtara bil-prezz ta' sebat elef u hames mitt Lira Maltija (Lm7,500), u thallsu kollha mill-attrici li fil-fatt kienet wirtet is-somma ta' *cirka* hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000) wara l-mewt tal-genituri taghha. Din fil-fatt hija l-allegazzjoni ta' l-attrici li tinsab ukoll

ikkonfermata mid-Dok. “NC1” a fol. 48 tal-process, li hija skrittura privata datat 14 ta’ Marzu 1989 fejn il-partijiet odjerni ddikjaraw li l-prezz ghall-akkwist ta’ l-istess immobbli li l-kuntratt tighu gie pppublikat dak in-nhar stess thallsu kollha mill-flus personali ta’ l-attrici. Jirrizulta wkoll li l-bqija tal-flus ta’ l-attrici kienu ittiehdu mill-konvenut, il-parti kbira taghhom adirittura minghajr il-kunsens taghha

Illi dwar il-kura u kustodja ta’ l-ulied jirrizulta li l-istess ulied il-kontendenti gew rekoverati fl-Istitut ta’ Fra Diegu peress li l-istess attrici f’dak iz-zmien ma’ setghatx tiehu hsiebhom minhabba li kienet qed tbati minn dipressjoni. Fuq l-istess ulied inharget Ordni Temporanju ghall-Harsien tat-tfal datata 28 ta’ Jannar 2001 anke wara li saru akkuzi fil-konfront tal-konvenut li huwa abbuza miz-zewgt minuri. Tali ordni giet ikkonfermata fit-12 ta’ Mejju 2001 u dan kollu jinsab kkonfermat mid-dokumenti esebiti u mmarkati rispettivament bhala Dok. “NC3”, Dok. “NC4”, Dok. “NC5” Dok. NC6”, Dok. “NC 7” u Dok. “NC8” minn fol. 50 sa fol. 55 tal-processs.

Illi in vista ta’ dan kollu l-kura u l-kustodja ta’ l-istess ulied giet vestita b’digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili, presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph David Camilleri fil-Madre Superjura *pro tempore* ta’ l-Istitut ta’ Fra Diego u dan bi dritt ta’ access ghall-attrici mill-Gimgha fl-4.30.p.m. sal-Hadd fis-5.30.p.m. L-access tal-missier kien taht superivizzjoni skond id-direzzjoni ta’ l-istess madre.

Illi *in vista* tax-xhieda moghtija fis-seduta tad-19 ta’ April 2004 mis-*social worker* Daniela Zerafa mill-Agenzija Appogg, din il-Qorti thoss li huwa fl-interess tal-minuri li l-istess jibdew jghixu ma’ ommhom ovvjament jekk sahhet l-istess tippermetti u dejjem jekk l-istess attrici tibqa’ tinghata l-assistenza imprezzabbli ta’ l-Agenzija Appogg, pero’ dan illum ma jistax issir kemm il-darba l-istess Ordni ta’ Harsien tibqa’ *in vigore* u ghalhekk fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li *in vista* ta’ l-istess Ordni ta’ Harsien tal-minuri l-istess attrici jkollha access ghall minuri kif attwalment ghandha fi tmien il-gimgha kif appena hawn indikat, waqt li l-attur ghandu jkollu biss access b’supervizjoni fil-bini ta’ l-Agenzija

Appogg biss u dan kull nhar ta’ Hadd mill-10.00a.m. sa’ nofsinhar.

Illi dwar manteniment ma hemm l-ebda manteniment x’jigi likwidat favur l-attrici u uliedha ghall-meta l-istess jibdew jghixu ma’ l-attrici *stante* li mill-provi prodotti ma jirrizultax li ingabhu provi li l-istess konvenut ghandu xi qligh jew introjtu.

Illi dwar il-komunjoni ta’ l-akkwisti din ghandha tigi ddikjarata xolta b’effett mill-5 ta’ Gunju 2003, u l-istess ghandha tigi maqsuma u diviza bil-mod segwenti:-

Illli l-attrici qed tigi assenjata l-fond Flat 4, Robyan Flats, Triq il-Mimosa, Gwardamangia, u b’dan ghalhekk li sehem l-istess konvenut mill-imsemmi mmobbli qed jigi assenjat lill-attrici u dan peress li kienet l-attrici li harget il-flus kollha sabiex inxtara l-istess post, flus li kienu provjenti lilha mill-wirt tal-genituri taghha u ghalhekk parafermali taghha; apparti minn dan l-istess attrici qed tigi assenjata wkoll il-mobbli kollha li huwa adebit l-istess fond, u dan peress li l-istess konvenut abbusivament ha l-flus ta’ l-attrici provenjenti mill-istes wirt u utilizzahom ghall-bzonnijiet tieghu bla ma ta ebda kumpens ta’ xejn lill-attrici; l-attrici qed tigi wkoll assenjata l-vettura tal-marka Datsun Reg. No. LAR – 581 u ghal kull effett u buon fini tal-ligi jinghad ukoll li tali asenjazzjoni qed isiru wkoll bl-applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fil-konfront tal-konvenut.

Illi l-konvenut qed jigi assenjat bhala sehmu mill-komunjoni ta’ l-akkwisti l-karozza tal-marka Volvo Reg. No. KBB 934, il-vann tal-marka Ford Transit Reg. No. ABB – 974, Land Rover Reg. No., 6963 u kull vettura ohra li ghadha tezisti u hija registrata f’isem il-konvenut skond ix-xhieda moghtija minn Brian Farrugia rapprezentant tad-Direttur tal-Licenzji fis-seduta ta’ l-20 ta’ Frar 2004 quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli, *speedboat,* l-ghodda tan-negozju li jinsabu fil-*garage* ta’ Haz Zebbug, b’dan li l-istess konvenut huwa obbligat li jhallas id-dejn kollu li kien ghamel fuq ismu personali u wkoll fin-negozju tieghu nkluzi l-kontijiet tad-dawl u ilma ta’ l-istess *garage* f’Haz Zebbug, u l-kontijiet tad-dawl u ilma tad-dar matrimonjali sad-data ta’

din is-sentenza, kull dejn ezistenti mal-Bank of Valletta plc. U kull dejn iehor li jirrizulta f'din il-kawza inkluzi dawk mal-Maltacom plc.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tichad it-tmien talba attrici, u tilqa' t-talbiet attrici l-ohra fis-sens biss hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti *stante* li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' adulterju, eccessi, mohqrija, eccessi nkluza vjolenza domestika, kemm fizika u kemm morali u ngurji gravi li kawza ta' l-istess, iz-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut kif hawn deciz;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tlett itfal minuri tal-kontendenti skond id-dettami ta' l-Ordni tal-Harsien attwalment applikabbli b'dan li l-istess attrici ghandha jkollha access ghall-istess minuri mill-Gimgha fl-4.30.p.m. sal-Hadd fis-5.30.p.m. u l-hinijiet ohra li jigu ndikati mill-Agenzija Appogg fl-interess ta' l-istess minuri. L-access tal-missier ghall-istess minuri ghandu jkun ristrett ghal darba fil-gimgha kull nhar ta' Hadd bejn l-10.00.a.m. u nofsinhar taht supervizjoni fil-bini Agenzija Appogg biss u fil-prezenza ta' *social worker* mill-istess Agenzija. Din il-Qorti thoss li a bazi ta' dak li semghet f'din il-kawza huwa fl-interess tal-minuri li jigu ntegrati ma' ommhom, b'dan li l-istess omm tkun meghjuna mill-Agenzija Appogg sabiex l-istess ulied jergaw jigu ntegrati fil-hajja tal-familja.

3. Tiddikjara Illi dwar manteniment ma hemm l-ebda manteniment x'jigi likwidat favur l-attrici u wliedha ghal meta l-istess jibdew jghixu ma' l-attrici *stante* li mill-provi prodotti ma jirrizultax li ingabu provi li l-istess konvenut ghandu xi qligh jew introjtu

4. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b'effett mill-5 ta' Gunju 2003 u tassenja u tiddividi l-istess bil-mod fuq indikat f'din is-

sentenza b'dan li l-attrici qed tigi assenjata l-fond Flat 4, Robyan Flats, Triq il-Mimosa, Gwardamangia, bil-mobbli kollha li huwa adebit l-istess fond, u l-vettura tal-marka Datsun Reg. No. LAR – 581 u ghal kull effett u buon fini tal-ligi jinghad ukoll li tali assenjazzjoni qed isiru wkoll bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fil-konfront tal-konvenut kollox kif fuq spjegat.

Illi minn naha l-ohra din il-Qorti qed tassenja lill-konvenut *per saldo* ghal sehmu mill-komunjoni ta' l-akkwisti l-karozza tal-marka Volvo Reg. No. KBB 934, il-vann tal-marka Ford Transit Reg. No. ABB – 974, Land Rover Reg. No., 6963, u kull vettura ohra li ghadha tezisti u hija registrata f'isem il-konvenut skond ix-xhieda moghtija minn Brian Farrugia rapprezentant tad-Direttur tal-Licenzji fis-seduta ta' l-20 ta' Frar 2004 quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli, *speedboat,* l-ghodda tan-negozju li jinsabu fil-*garage* ta' Haz Zebbug, b'dan li l-istess konvenut huwa obbligat li jhallas id-dejn kollu li kien ghamel fuq ismu personali u wkoll fin-negozju tieghu nkluzi l-kontijiet tad-dawl u ilma ta' l-istess *garage* f'Haz Zebbug, u l-kontijiet tad-dawl u ilma tad-dar matrimonjali sad-data ta' din is-sentenza, kull dejn ezistenti mal-Bank of Valletta plc. kull dejn iehor li jirrizulta f'din il-kawza inkluzi dawk mal-Maltacom plc.

5. Tilqa' din it-talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha ta' l-**artikoli 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** ;

8. Tichad din it-talba *stante* nuqqas ta' provi.

9. Tilqa' din it-talba u b'hekk tassenja d-dar matrimonjali definittivament lill-attrici ad eskluzjoni tal-konvenut anke *in vista* ta' dak indikat a bazi ta' dak deciz fil-konfront tar-raba' talba ta' din ic-citazzjoni.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------